MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Appell Civili Numru. 172/1994/1

**Joseph Muscat**

**v.**

**Albert Formosa u Walter Camilleri bhala diretturi u ghan-nom tas-socjeta` “Formosa & Camilleri Limited”u dawn bhala agenti tas-socjeta` estera “Guardian Royal Exchange Assurance plc” u b’nota tad-9 ta’ Marzu 1994, Angele Borg assumiet l-atti tal-kawza minflok Albert Formosa u Walter Camilleri u b'digriet tat-28 ta’ Mejju 2008, l-isem tas-socjeta` konvenuta gie sostitwit ghal dak li llum hija maghrufa bih u cioe` l-isem ta’ Atlas Insurance PCC Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Frar 1994 gie premess:-
"Illi l-attur hu kopert polza ta' assikurazzjoni mas-socjeta` konvenuta tat-tip *Family Guardian Plan Policy* (*Policy no*. 47346 050 01) taht liema polza hemm inkluza kopertura ta' assikurazzjoni fuq id-dar tal-konvenut u fuq xi effetti ohra li jinsabu fl-istess dar (Dok. "A").

"Illi din il-polza kienet mahruga fl-14 ta' Jannar 1993 u kienet ha tiskadi fil-13 ta' Gunju 1994.

"Illi fil-lejl ta' bejn l-24 ta' Dicembru 1993 u l-25 ta' Dicembru 1993, id-dar tal-attur inharqet.

"Illi tali hruq ikkaguna hsarat konsiderevoli fir-residenza tal-attur u fl-oggetti kontenuti fl-istess dar (Dok. "B").

"Illi dan l-incident gie debitament irrapurtat il-Pulizija.

"Illi wara li giet maghmula l-*claim* relattiva mas-socjeta` assikurattrici, l-istess socjeta` konvenuta permezz ta' ittra datata 3 ta' Jannar 1994, qabdet u rritornat lura l-*premium* li kien gie mhallas mill-attur u allegat illi l-attur naqas milli jaghti xi nformazzjoni meta gie maghmul il-kuntratt ta' assikurazzjoni u ghalhekk l-istess polza ta' assikurazzjoni kellha titqies bhala nvalida (Dok. "C").

"Illi s-socjeta` konvenuta sussegwentement offriet lill-attur is-somma ta' tliet elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) sabiex ikopru d-danni li sofra l-attur konsegwenza tal-incident fuq imsemmi.

"Illi l-attur nforma s-socjeta` konvenuta li d-danni li kien sofra kienu jeccedu s-somma ta' tliet elef u hames mitt lira (Lm3,500) u ghalhekk talabhom jergghu jirrikunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

"Illi sussegwentement is-socjeta` konvenuta permezz ta' ittra mibghuta mill-konsulent legali taghhom, regghet allegat li l-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija ma kinetx ghadha vigenti u dan ghaliex kienet nulla *ab inizio* u ghalhekk ma kienet sejra bl-ebda mod tikkumpensa lill-attur ghad-danni li kien sofra konsegwenza tal-incident fuq imsemmi.

"Illi s-socjeta` konvenuta qatt ma pprecizat x'kienu r-ragunijiet ghaliex l-imsemmija polza ta' assikurazzjoni kellha tkun dikjarata nulla *ab inizio*.

"Illi ma hemm l-ebda raguni valida ghaliex l-imsemmija polza ta' assikurazzjoni ghandha tigi konsidrata nulla u bla effett.

"Illi ghalhekk il-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija vigenti skond il-ligi u l-attur sofra danni konsegwenza tal-incident fuq imsemmi, liema danni huma koperti mill-polza msemmija u s-socjeta` konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghall-istess skont il-kundizzjonijiet tal-istess polza.

"Illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm interpellata biex taghmel tajjeb kif fuq premess, baqghet inadempjenti.

"Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti *nomine* jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

"1. Tiddikjara, ghal kull *buon fini*, li l-polza ta' assikurazzjoni numru 47364 050 01 mahruga minnhom favor l-attur, hija valida.

"2. Tiddikjara li l-konvenuti *nomine* huma responsabbli *ai termini* tal-istess polza msemmija u tal-ligi li jikkumpensaw lill-attur ghad-danni minnu sofferti konsegwenza tal-incident li sehh fid-dar tieghu fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Dicembru 1993.

"3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

"4. Tikkundanna l-konvenuti *nomine* sabiex ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata.

"Bl-ispejjez u l-interessi legali kontra l-konvenuti *nomine* illi jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

B'nota pprezentata fid-9 ta' Marzu 1994 is-socjeta` konvenuta eccepit:-

"1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez u dan *in vista* tal-fatt li l-allegat kuntratt ta' assigurazzjoni bejn il-partijiet, li huwa l-perm tal-kawza attrici, ma jezistix u qatt ma ezista legalment.

"2. Illi meta l-attur kien mar u mela l-*proposal form*, li kif jaf kulhadd hija l-bazi tal-polza ta' assikurazzjoni, wiegeb hazin ghal diversi domandi li sarulu jew ma zvelax certa nformazzjoni ta' natura mportanti.

"3. Salvi eccezzjonijiet ohra."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fis-27 ta' Novembru, 2008, meta, ghar-ragunijiet hemm moghtija prevja l-akkoljiment tal-eccezzjonijiet moghtija mis-socjeta` konvenuta, cahdet it-talbiet attrici ghaliex "*huma infondati fil-fatt u fid-dritt*" – bl-ispejjez kontra l-attur u dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:-

**"II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

"Illi jirrizulta li l-attur kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni mas-socjeta' konvenuta *Family Guardian Plan Policy* li kienet tinkludi kopertura tad-dar tal-konvenut u effetti fl-istess residenza u dan ghall-perjodu bejn l-14 ta' Gunju 1993 sat-13 ta' Gunju 1994, u wara li fil-lejl bejn l-24 u 25 ta' Dicembru 1993 l-istess dar inharqet, l-attur ghamel *claim* sabiex jigi kkumpensat a bazi tal-istess polza tal-

hsara li garrab kawza tal-istess hruq, liema *claim* ma gietx accettata peress li b'ittra datata 3 ta' Jannar 1994, s-socjeta' attrici ddikjarat li l-istess polza kienet invalida ghaliex l-attur naqas li jaghti nformazzjoni korretta, u ghalhekk huwa ghamel din il-kawza sabiex jigi ddikjarat li tali polza hija valida, u li allura s-socjeta' konvenuta ghandha a bazi tal-istess tikkumpensah u thallsu tad-danni li sofra li jaqghu allura taht l-istess kopertura.

"Illi minn naha taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet li tali kuntratt huwa null u bla effett peress li fil-*proposal form* l-attur irrisponda hazin ghall diversi domandi li sarulu u ma zvelax informazzjoni ta' natura importanti.

"Illi l-principji li jirregolaw l-kuntratt ta' assikurazzjoni gew ezaminati diversi drabi u kif inghad fis-sentenza **"Marco Tanti vs O.F.Gollcher & Sons Limited noe"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 - Cit. Nru 907/96/RCP):-

*""the contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as uberimae fidei that is, of the utmost good faith. As a result, the potential parties to it are bound to volunteer to each other before the contract is concluded information that is material"… … … … The basis effect of this duty can be stated quite simply. An applicant for insurance is under a duty to disclose to the insurer, prior to the conclusion of the contract, but only up to this date, all material facts within his knowledge, which the latter does not or is deemed not to know. A failure to disclose, however innocent, entitles the insurer to avoid the contract ab initio, and upon avoidance it is deemed never to have existed. The insurer must avoid within a reasonable time of becoming aware of the non-disclosure. The duty arises whenever a fresh contract is concluded, and most importantly, this includes upon a renewal of any contract except that of life insurance."* **(Birds' Modern Insurance Law –** pg 101 – 102). **"Dr. Gerald Montanaro Gauci vs Alex Agius Cesareo et"** (P.A. (RCP) 31 ta' Jannar 2002); **"Anthony Vassallo vs Alfred S. Azzopardi nomine"** (P.A. (NA) 21 ta' April 1999)".

"Illi mbaghad fis-sentenza **"Joseph Rizzo vs John Formosa noe"** (P.A. (TM) 3 ta' Ottubru 2002 - Cit. Nru: 640/93/TM) ukoll inghad li kuntratt ta' assikurazzjoni hu kuntratt *uberimae fidei* u dan il-principju hu accettat mill-awturi u gurisprudenza in materja. Il-Qorti kompliet tghid li:-

*""Kuntratt t'assikurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura, u kwindi, hu mistenni li min jitlob assikurazzjoni jkun onest maghha u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz. Hekk, fil-kawza **"Rozanes vs Bowen"**, (1928) il-Qorti Ngliza osservat li:- "It has been for centuries in England the law in connection with insurance of all sorts, that as the underwriter knows nothing and the man who comes to him to ask him to ensure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make a full disclosure to the underwriters, without being asked, of all the material circumstances. … That is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith". Fil-kawza **"Greenhill vs Federal Insurance Co Ltd"**, (1927) rega' ntqal li:- "Now, insurance is a contract of the utmost good faith, and it is of the gravest importance to commerce that the position should be observed. The underwriter knows nothing of the particular circumstances of the voyage to be insured. The assured knows a great deal, and it is the duty of the assured to inform the underwriter of everything that he has not taken as knowing, so that the contract may be entered with an equal footing". Dan il-principju gie emfasizzat fl-**EEC Council Directive tal-1977**, ghalkemm, f'dik id-direttiva, gie suggerit li l-obbligu tal-assikurat huwa ezawrit meta jirrispondi onestament id-domandi li jkun hemm fil-polza, minghajr htiega li jzid aktar".*

"Illi dawn il-principji, kif inghad, huma anke accettati mill-Qrati taghna. Hekk, fil-kawza **"Camilleri noe vs Bartolo",** deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-22 ta' Marzu 1982, polza ta' assikurazzjoni giet invalidata meta rrizulta li l-assikurat ma kienx informa lill-kumpanija assikuratrici li kien ghamel *claims* ohra qabel ma avvicina l-assikurazzjoni. Gie ribadit il-principju li kull fatt materjali

ghandu jigi ndikat, u fatt materjali gie deskritt bhala *"fatt ta' xorta tali li jinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju".*

"Illi fil-kawza **"Degiorgio vs Agius"**, deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Gunju, 1962 (Vol XLVI.II.656) intqal li *"il-kuntratt ta' assikurazzjoni hu meqjus bhala wiehed tal-aqwa bona fede, u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalji li jigu mistoqsija lilu espressament fil-proposal forms; anzi hu generalment ritenut li l-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li ragjonevolment ghandu jhoss li hu rilevanti ghall-assikuratur li jkun jaf, u dan anke' jekk ma jkunx mistoqsi".*

"Illi l-istess principju gie ribadit dan l-ahhar minn din l-istess Qorti fil-kawza **"Muscat vs Gasan Insurance Agency Limited"** deciza fit-2 ta' Marzu, 1998, u fil-kawza **"Parnis vs Fava"** deciza fis-26 ta' Ottubru, 2001 u **"Joseph Mamo vs Joseph Grech et noe"** (P.A. (TM) 3 ta' Ottubru 2002 - Cit.Nru : 108/93/TM).

"Illi hu wkoll stabbilit fil-gurisprudenza illi *"il-proposal form hija parti ntegrali tal-polza ta' l-assigurazzjoni, u kwindi, dikjarazzjoni falza maghmula fil-formola hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza."* (Vol.XXXVI.II.610).

"Illi fis-sentenza **"Raymond Borg vs Fogg Ltd nomine"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2003) saret riferenza ghall-kaz ta' **"Carter vs Boehm"** (1766 3 Burr 1905 at 1909) meta ***Lord Mansfield*** spjega li:-

*""Insurance is a contract upon speculation. The special facts, upon which the contingent chance is to be computed, lie mostly in the knowledge of the insured only: the underwriter trusts to his representation, and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risk as if it did not exist".*

"Illi l-Qorti kompliet:-

*““Illi rigward dak li huwa materjali ghall-finijiet tal-hrug tal-polza, apparti li din il-Qorti thoss li ovvjament l-informazzjoni rikjesta fil-proposal form ghandha titqies li hija dejjem materjali, stante l-importanza anke jekk soggettiva li l-istess assiguratur ikun qed jaghti lil tali dettal jew domanda, ghaliex altrimenti kieku ma jkunx inkludiha fl-istess proposal form, pero’ oggettivament gie stabbilit li “a fact is material for the purposes of both non-disclosure and misrepresentation if it is one which would influence the judgment of a reasonable or prudent insurer in deciding whether or noto accept the risk or what premium to charge or possibly, whether to impose particular terms in the contracts such as exclusion or an excess”.* **(Birds’ Modern Insurance Law –** pg.100 – **Law Commission Report No**. **104** para.4.48). *Gie affermat ukoll il-principju li l-kwistjoni dwar il-materjalita’ hija kwistjoni ta’ fatt* ***(Glicksman vs Lancashire and General Assurance Co. Ltd. (1927 A.C. 139)****.*

“Illi rigward ta’ x’inhu meqjus materjali l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza **“Salvu Briffa vs Walter Camilleri noe”** (A.C. 9 ta’ Frar 2001) qalet li gie ritenut li:-

*““In general the wide ranging nature of this duty of disclosure, which has been prevailing in insurance contracts in England, has been the subject of severe academic criticism for a long time. This doctrine of duty of disclosure in insurance contracts, has been regarding as rigid, inflexible and out of date. The expression ‘contracts uberimmae fidei’ has been too frequently and almost indiscriminately used by insurers and judges as an excuse for ignoring insurance claims. Consequently, the insured’s duty of disclosure of material facts becomes one of the most onerous burdens on the insured in insurance contracts” (****Semin Park – The Duty of Disclosure in Insurance Contract Law*** *(1996) p.68). Indubbjament pero’ u minghajr ebda rizerva ‘the fact that the proposer has suffered losses of cars on previous occasions has been held to be material.’ (****Fire and Motor Insurance Ivamy*** *3rd edition, (1978)p.203).”*

"Illi applikati dawn il-principji ghall-fatti tal-kaz jirrizulta li l-konvenut kien hareg mas-socjeta' konvenuta *"Family Guardian Plan Policy"* u fuq l-istess kien iffirma *proposal form* datata 4 ta' Gunju 1993 (Dok. "RM 2" – fol. 216) fejn jirrizulta li din giet mimlija ghalih minn certu Mark Randon li kien direttur tas-socjeta' RMR Limited li kienet agent tas-socjeta' konvenuta. L-istess Mark Randon jghid li huwa mela l-istess *proposal form* fuq dak li qallu l-attur fl-ufficju tieghu u mhux fil-bar ta' certu Alfio Attard. Jghid li jeskludi b'mod mill-aktar assolut li l-attur semmilu xi problema ma' xi socjeta' assikuratrici jew li xi socjeta' assikuratrici rrifjutat li ttih koperta ghal dak mitlub.

"Illi l-verzjoni tal-attur hija li huwa kien qal lill-istess Mark Randon li kellu problemi ma' assikurazzjonijiet ohra fis-sens li ma kienx gie assigurat minn socjetajiet ohra u li minkejja dan xorta wahda dan l-istess Mark Randon ma nizzel xejn dwar dan fil-polza. Huwa ffirma l-istess polza ghalkemm ma kienx jaf jaqra u jikteb.

"Illi fil-fatt jirrizulta li fil-*proposal form* l-attur ma rrispondiex korrettament ghad-domandi numru 6 u 7 (fol. 217) liema domandi kienu s-segwenti:-

*""(6) During the last five years have you suffered loss, destruction, or damage or been liable for any accident involving other persons in respect of the events which you wish to insure".*

*"(7) Has any insurer imposed special terms or declined insurance at any time in respect of the risks to be insured".*

"Illi jirrizulta li l-attur irrisponda fin-negattiv ghall-istess domandi meta fil-fatt wara li saret il-*claim* odjerna irrizulta lis-socjeta' konvenuta li l-attur kellhu tlett *claims* wahda fil-21 ta' Ottubru 1988 ghall-ammont ta' Lm70 ghaliex kien tkisser *cordless telephone*, l-ohra datata 5 ta' Settembru 1991 fl-ammont ta' Lm150 meta kien sofra hsara minhabba sajjetta, u dik fl-ammont ta' Lm3,000 maghmula fid-data tal-20 ta' Dicembru 1992 meta huwa kien tilef curkett (Andrew Grech – 11 ta' Jannar 1996 u fax datata

28 ta’ Dicembru 1993 (fol. 187); l-istess attur ma semma xejn dwar il-fatt li Gasan Insurance Limited fl-24 ta’ Frar 1992 kienet ikkancelatlu *Home Policy* simili jekk mhux identika ghal dik mertu tal-kawza “*with effect from its inception”* minhabba li allegatament naqas li jizvela *“material facts”* u wkoll li s-socjeta’ Galdes & Mamo kienu irrifjutaw li jkopruh meta mar japplika ghall-polza ta’ assigurazzjoni u dan a bazi ta’ din l-informazzjoni li fil-fatt kien tahom – tant li huma kkonsidraw l-istess persuna bhala persuna mhux assigurabbli ghalihom.

“Illi fil-fatt b’risposta ghall-ittra datata 24 ta’ Jannar 1994 (Dok. “DM1” – fol. 223) li kienet baghtet s-socjeta’ attrici sabiex isaqsu x’kienu jafu dwar l-attur is-socjeta Galdes & Mamo Limited, b’ittra datata 16 ta’ Frar 1994 Albert P. Mamo, rrisponda li l-attur kellu zewg *policies* maghhom kif indikati f’paragrafi (1) u (2) tal-istess dokument li skadew u ma gewx imgedda. Izda 12 il-xahar qabel il-konvenut kien mar l-ufficju taghhom sabiex johrog *policy* for *Householders and All Risks*. Ikompli jinghad li:-
*““He informed us that GA had refused to pay him on a claim and had infact cancelled his policy. With this information in hand we did not proceed with the cover proposed. Some time later he again called at our office to insure a van and considering the previous disclosure we again did not proceed. It was at that point that we decided not to invite renewal of the above policies”.*

“Illi fl-ewwel lok din il-Qorti thoss li huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrali u anke mill-awturi li *“an insured’s accident history will often be of greatest importance to an insurer”.* Issa meta assikuratur ma jizvelax li kellu *claims* ohra u jonqos li jaghti risposta preciza tal-fatti li jistghu jkunu materjali ghall-konkluzjoni tal-ftehim dwar il-hrug innifsu tal-polza ta’ assikurazzjoni, m’ghandux ikun hemm dubju li hu naqas milli jikxef *“a material fact”.* F’dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju wkoll li l-fatt li l-istess attur ma kienx gie accettat bhala klijent almenu minn zewg socjetajiet assikuratrici u dan ukoll fuq l-istess tip ta’ polza, u xi ftit zmien qabel ma’ kkonkluda l-polza mas-socjeta’ konvenuta, kien fatt materjali li kien jiddetermina l-polza u wkoll jidher car li fl-istess *proposal form* kien hemm

infomazzjoni zbaljata, tant li l-istess socjeta' attrici kieku kienet taf bih ma kienitx taccetta li tohrog l-istess polza u dan peress li kien fatt ta' xorta tali li jinfluwenza d-decizjoni ta' l-assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu riskju (**"Camilleri vs Bartolo"** – P.A. 22 ta' Marzu 1982).

"Illi fil-fatt fis-sentenza **"Joseph Mamo vs Joseph Grech et nomine"** (P.A. (TM) – 3 ta' Ottubru 2002) inghad li *"an insured's accident history will often be of greatest importance to an insurer" u meta assikuratur jghid li hu kien ghamel claim wahda biss, waqt li fil-fatt ikun ghamel diversi, m'ghandux ikun hemm dubju li l-assikurat ikun naqas milli jikxef "material facts".* Issa f'dan il-kaz mhux biss l-istess attur fil-*proposal form* ma semma' xejn dwar il-claims li kellu qabel, izda forsi iktar importanti ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza, ma zvelax li kien rifjutat minn zewg socjetajiet assikuratrici, anke fuq l-istess tip ta' polza, proprju ftit zmien qabel ma ffirma l-*proposal form* tal-polza mertu tal-kawza odjerna.

"Illi ma hemmx dubju li dan jammonta ghall-*"misrepresentation of a material fact"* li ghandha twassal ghall-invalidita' tal-kuntratt (**"Parnis vs Fava"** – P.A - 26 ta' Ottubru 2001), u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan kien jammonta ghall xejn inqas minn ingann, ghaliex induca lis-socjeta' konvenuta sabiex taccetta li tiehu riskju fuq l-istess klijent, meta kieku kienet taf dawn il-fatti kollha, certament li ma kienitx tohrog l-istess polza jew titratta mal-attur u dan certament jivvizzja l-kunsens u jaghti lok ghall-annulament tal-kuntratt *ab initio* (ara **"Zammit vs Formosa",** deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Mejju 1994).

"Illi dan huwa konsistenti ma' dak li gie ritenut fis-sentenza *supra citat* **"Joseph Rizzo vs John Formosa noe"** fejn fiz-zewg kazijiet l-assikuraturi assikuraw l-vetturi taghhom kontra serq u l-persuna li kienet ghamel il-*claim* giet akkuzata mis-socjeta' assikuratrici li naqset li tindika li precedentement kien gja' nsterqilhom vann jew vettura ohra qabel. L-istess fil-kaz **"Raymond Borg vs Fogg Ltd nomine"** fejn fil-*proposal form* l-assikurat kien qal li ma

kienx involut fl-ebda *claim* fl-ahhar tlett snin meta fil-fatt kellu diversi *claims*.

“Illi ineffetti in konsistenza ma’ dan f’**“Modern Insurance Law”** (***John Birds – 4th Ed. 1997***) jinghad li:-

*““A fact is material for the purposes of both non-disclosure and misrepresentation if it is one which would influence the judgment of a reasonable or prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk or what premium to charge”.*

“Illi fil-kaz in kwistjoni l-attur sostna li ma kienx huwa li mela l-*proposal form* imma kien persuna ohra li kien *sub-agent* tas-socjeta’ konvenuta. Huwa qal li fil-fatt huwa kien informa b’dan lill Mark Randon, tant li qallu li kien qed isib diffikulta’ sabiex jigi inxurjat u gie rifjutat almenu minn socjeta’ assikuratrici wahda, izda dan ma tnizzilx fil-polza li giet mimlija mill-istess Mark Randon, li ghazel li ma jindikax l-istess informazzjoni minkejja li huwa kien jaf biha. F’dan il-kuntest jinghad li Alfio Attard jghid li fil-fatt kien ghalhekk li huwa introduca lill-attur ma’ l-imsemmi Mark Randon u jghid li l-istess attur kien informa b’dan lill-istess persuna li kienet hija li mliet il-*proposal form.*

“Illi ma hemm ebda dubju li l-istess *proposal form* giet miktuba minn dan Mark Randon, izda sabiex jaghmel dan certament li dan qaghad fuq informazzjoni li inghatat lilu mill-attur stess. Fuq dan il-punt Mark Randon jinsisti li huwa ma’ kien jaf xejn dwar il-*claims* precedenti tal-attur u lanqas li huwa gie rrifjutat minn assikurazzjonijiet ohra, pero’ fuq dan il-punt ix-xhieda ta’ l-attur hija korroborata minn dik ta’ l-imsemmi Alfio Attard, tant li dan jghid li kien ghalhekk li huwa introduca lill-attur ma’ l-imsemmi Mark Randon, u dan sabiex isolvi allura l-problema tal-attur, li ma kienx qed jigi accettat bhala klijent ta’ xi socjetajiet assikuratrici, u dan ukoll proprju minhabba l-*claims* precedenti tieghu u l-istorja tieghu tal-istess *claims*.

“Illi jekk inhu minnu dan, jirrizulta li certament Mark Randon inganna lill-istess socjeta’ assikuratrici, li certament ma tistax tigi tenuta li hija obbligata li tosserva

l-polza, meta hija kienet vittma tal-istess ingann. Dwar l-attur jinghad li ghalkemm huwa qed jghid li jaf jikteb u lanqas jaqra, pero' certament kien jaf, anke minhabba d-diffikultajiet li kellu ma' zewg socjetajiet assikuratrici, li l-fatt li huwa kellu *claims* ohra u li huwa gie rifjutat kopertura minn zewg socjetajiet differenti ohra, kienu ta' importanza massima sabiex tigi mahruga l-istess polza favur tieghu, u meta huwa sostna  li minkejja li qal dan kollu lil Mark Randon, dan irrospondih li ghalih dan ma kienx importanti, kien ghalhekk ovvju jew messu kien ovvju ghalih li kien hemm xi haga mhux tinkwadra, ghaliex haga daqshekk importanti ma' setghatx tigi injorata b'tant leggerezza.

"Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-istess attur, ma jistax jezimi ruhhu mir-responsabilita' tal-atti tieghu li jew iffirma karta minghajr ma kien jaf x'kien hemm fiha, jew inkella ma tax kaz x'kien fih l-istess dokument, iktar u iktar meta kien konxju tad-diffikultajiet li huwa kellu fuq l-istess poloz ma' socjetajiet ohra.

"Illi l-Qorti thoss li ghalhekk anke jekk jigi accettat li l-*proposal form* giet miktuba minn Mark Randon u fuq il-mistoqsijiet relevanti ghall-kaz odjern huwa kien konxju li ma kienitx qed tinghad il-verita', u anke jekk l-attur ma jafx jaqra u jikteb, hija l-opinjoni ta' din il-Qorti, li kif sehhu l-affarijiet l-attur kien konxju tal-fatt li l-informazzjoni tal-*claims* precedenti tieghu u l-fatt li huwa gie rifjutat minn zewg socjetajiet assikuraturi ohra, ma kienitx qed tigi zvelata lill-istess socjeta' attrici, u dan anke ghaliex, jekk wiehed joqghod fuq il-verzjoni tal-attur innifsu u ta' siehbu Alfio Attard, l-istess Mark Randon mill-ewwel qallu li ma kienx jinterressah xejn minn *insurances* ohrajn u tant li qallu li jekk kien ser ikollu *claim* fil-futur huwa kien ser jghinu.

"Illi dan it-tip ta' rispons *da parte* ta' Mark Randon kellu b'mod naturali jindika lill-attur stess li kien hemm xi haga mhux flokha, iktar u iktar meta tali re-azzjoni hija ghal kollox opposta ghal dik li huwa stess kien ircieva meta svela l-istess fatti u storja tieghu lill-socjetajiet assikuratrici ohrajn. Dan allura huwa assodat ukoll mill-fatt li l-attur ma

kienx xi wiehed li dahal f'kuntratt ta' assikurazzjoni ghall-ewwel darba u ma hemmx dubbju li huwa kien konxju tal-fatt li l-informazzjoni li skond it-tezi tieghu huwa kien ta lill Mark Randon dwar l-istorja tieghu tal-*claims*, u l-iktar dik li kien ghadu kemm gie rifjutat kopertura minn socjetajiet assikuratrici ohra, kienet ta' importanza vitali ghal hrug ta' kwalunkwe polza, tant li kien fuq kollox minhabba f'hekk li huwa dahal f'kuntatt ma' l-istess Mark Randon.

"Illi f'dan il-kuntest allura din il-Qorti thoss li l-istess attur kien effettivament partecipi fl-istess ingann tas-socjeta' assikuratrici u din hija l-iktar ipotesi plawsibbli anke kif effettivament allura kkonkludiet il-perit legali la darba l-provi juru li l-attur *"accetta l-proposal form kif giet mimlija minn Mark Randon u iffirmaha"* u dan jista' jfisser biss li l-attur kien jaf u kien konxju ta' dak li kien hemm indikat fl-istess *proposal form,* u huwa proprju ghalhekk li hawn qed jinghad li l-istess attur kien allura partecipi fl-istess ingann. Jigi rilevat ukoll li f'kaz li l-istess agent kien qed jagixxi b'ingann ghas-socjeta' assikuratrici ma jista' qatt jinghad li b'xi mod huwa jista' jew setgha jorbot lill-istess socjeta' assikuratrici.

"Illi minn naha l-ohra, fid-dawl tal-provi prodotti u wara li wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fattispecie kollha tal-kaz, l-ahjar ipotesi mill-optika attrici, xorta hija bbazata fuq il-fatt li l-attur wera negligenza kbira meta skond huwa halla kollox f'idejn l-agent sabiex dan jimlilu l-istess *proposal form,* anke jekk dan ma jistax ikun, ghaliex certu informazzjoni bilfors tahielu l-attur, izda jekk huwa hekk, f'materja daqshekk sensitiva, dan ma jistax hlief ifisser li l-attur ghazel li jaghti l-firma tieghu fuq dokument li assolutament ma kienx jaf x'fih u allura taht dawn ic-cirkostanzi hemm xorta wahda n-negligenza grossolana tieghu, proprju ghaliex iffirma dokument li ma kienx jaf il-kontenut tieghu, u allura lanqas kien jinteressah li fih, ghaliex l-aqwa ghalih kienet li huwa jakkwista l-kopertura li ried **("Joseph Mamo vs Joseph Grech"** – P.A. (TM) – 3 ta' Ottubru 2002). Illi dan jassumi portata iktar sinifikanti meta Mark Randon jghid li huwa qara l-kontenut tal-istess *proposal form* lill-attur, u dwar dan hemm ix-xhieda ta'

Alfio Attard li jghid li Mark Randon saqsa lill-istess attur diversi domandi.

"Illi dan qed jinghad ukoll tenut kont tal-fatt li kif ritenut fis-sentenza **"Charles Degiorgio noe vs Austin Agius et"** (K. (JHX) 25 ta' Gunju 1962 li:-

*""Meta l-proposal form tigi mimlija mhux mill-proponent, imma minn persuna ohra, din titqies li mliet il-formola ghall-proponent, u mhux ghall-assikuratur, specjalment meta l-proponent, qabel ma jiffirma l-proposal form, kien hares lejha u accerta ruhu li kollox sar sewwa, u b'hekk assuma r-responsabbila' tad-dikjarazzjoni maghmula fiha".*

"Illi kif intqal fid-decizjoni **"Salvu Briffa vs Walter Camilleri noe"** (A.C. – 9 ta' Frar 2001):-

*""F'kaz simili, is-sub-agent hu mandatarju tal-'proposer', f'dan il-kaz l-attur u mhux tal-kumpanija, filwaqt li jkun qieghed jimla' d-dettalji bl-inkarigu ta' l-attur". Dan il-punt gie ulterjorment elaborat fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Ottubru, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **"Lawrence Azzopardi et noe vs Joseph Muscat et nomine et"** li fiha gie ritenut li "in all matters related to the placing of insurance of whatever kind, the insurance broker is the agent of the assured and of the assured alone……..if, as a matter of convenience, he (the insurance agent) fills the proposal form, he is acting as agent for the proposer" (**Charlesworth Mercantile Law 1884**, p.913 et seq). U bhala agent "l-atti kollha maghmulin minn rapprezentant ghall-Principal fil-limiti tas-setghat tieghu ………… igibu direttament l-effett taghhom favur jew kontra l-principal".*

"Illi fil-fatt kif intqal fis-sentenzi *supra citati* **"Parnis et vs Fava et noe"** u **"J. Rizzo vs J. Formosa noe"** li huwa dmir tal-assikurat li qabel ma jiffirma jaqra sew dak li iffirma, u din il-Qorti thoss li jekk l-attur ma kienx jafx jaqra, messu insista li dak li iffirma ghalih jinqralu, haga li certament l-attur bl-ebda mod ma jirrizulta li insista li ssir, tant li jidher li huwa iffirma l-istess *proposal form*, skond il-verzjoni tieghu u fl-ahjar ipotesi ghalih, minghajr ma' kien

jaf ghall x'hiex kien qed jiffirma, li xorta wahda ma tehilsux mir-responsabbiltajiet tieghu *verso* s-socjeta' attrici, u specjalment minhabba n-negligenza tieghu.

"Illi tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti taqbel li fil-kaz in ezami japplika l-principju enuncjat fil-kawza **"Newsholme Bros. vs Road Transport and General Insurance Co"** (1929) 2 KB 356) moghtija mill-King's Bench u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Ingliza fejn inghad li *"the insurer was entitled to repudiate liability since in completing the proposal form Willey* (is-sotto-agent) *had been acting as the agent of Newsholme Brothers".* Lord Scrutton elenka r-ragunijiet tal-Qorti tal-Appell hekk:-

*""If the answers are untrue, and (the agent) knows it, he is committing a fraud which prevents his knowledge being the knowledge of the insurance company. If the answers are untrue, but he does not know it, I do not understand how he has any knowledge which can be imputed to the insurance company. In any case, I find great difficulty in understaning how a man who has signed, without reading it, a document which he knows to be a proposal of insurance, and which contains statements in fact untrue, and a promise that they are true, and the basis of the contract, can escape from the consequences of his negligence by saying that the person he asked to fill up for him is the agent of the person to whom the proposal is addressed".* Din hija l-posizzjoni Maltija kif ritenuta fis-sentenzi gja fuq citati u kwotati mill-perit legali nkluzi dawk ta' **"Lawrence Azzopardi et noe vs Joseph Muscat et nomine et"** (P.A. – 7 ta' Ottubru 1997) u **"Salvu Briffa vs Walter Camilleri"** (A.C. – 9 ta' Frar 2001).

"Illi l-attur jghid li hemm eccezzjonijiet ghal tali regola fil-kaz ta' **"Bawden vs London, Edinburgh & Glasgow Assurance Co"** (1982) fil-kaz ta' bniedem ghami u lliterat ghaliex f'kaz bhal dan jirrizulta li l-agent kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta' assikuratrici, peress li din tigi li ddelegatu sabiex jiehu huwa l-informazzjoni minflokha. Pero' il-kaz odjern huwa ferm differenti minn hekk peress li l-attur, anke jekk ma kienx jaf jaqra, kien konxju tal-fatt li kien hemm problema sabiex jigi inxurjat ghaliex kien gie

rifjutat minn zewg kumpaniji ohra, u meta l-agent qallu li dan ma kienx jimporta, certament din il-Qorti thoss, li l-attur kien konxju tal-fatt li din kienet haga serja, u ladarba gie wkoll ppruvat li l-attur mhux l-ewwel darba li dahal f'kuntratt ta' assigurazzjoni, allura facilment setgha jissupponi li kien hemm xi haga hazina f'dawn it-trattativi tieghu mal-agent, ghaliex kienu qed jirreferu ghall-informazzjoni li kienet materjali ghall-polza, informazzjoni li ma kienitx ser tasal ghand is-socjeta' assikuratrici. B'hekk dan il-kaz ma huwiex eccezzjoni ghar-regola u l-eccezzjoni tal-kaz Bawden kienet qed tirreferi ghal cirkostanzi ben differenti u fejn fuq kollox l-kaz kien jinvolvi dak li l-agent kien qed jara huwa stess, u l-assikurat ma kien involut fl-ebda ingann u lanqas negligenza grossolana, proprju minhabba l-istat tieghu, li minhabba l-inkapacita' li minnha kien isofri kellu jiddependi fuq kollox fuq l-agent, u ma kien hemm xejn x'jahbi fl-istorja tieghu.

"Illi l-kaz ta' **Keeling vs Pearl Assurance Co. Ltd** (1923) lanqas japplika ghall-kaz in ezami u dan peress li dan kien jirreferi ghall-kazi genwini fejn persuni ma jkunux jistghu jimlew il-formoli taghhom u fejn kien issir zball *da parte* tal-agent meta *"the answers which the agent puts down are contrary to the facts which are stated to him by the assured"* u cjoe' kien jitratta dwar kaz genwin, meta f'dan il-kaz jirrizulta li, jekk wiehed jiehu t-tezi ta' l-attur, l-agent kien effettivament qed jinganna lis-socjeta' assikuratrici.

"Illi ghalhekk tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-attur naqas li jaghti informazzjoni rilevanti u materjali u importanti lis-socjeta' konvenuta qabel ma sar il-kuntratt u dan minhabba li r-risposti tieghu fil-*proposal form* ma kienux veritieri, u ghalhekk kiser l-obbligu tieghu ta' *uberimae fidei* u tali informazzjoni zbaljata induciet lis-socjeta' konvenuta tohrog polza bi zball u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda."

**L-appell tal-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fis-16 ta' Dicembru, 2008 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, is-sentenza msemmija

tigi revokata inkwantu cahdet it-talbiet attrici u laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellata bl-ispejjez u minflok tilqa' t-talbiet kollha tieghu kif dedotti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

Is-socjeta` appellata pprezentat risposta ghar-rikors tal-attur fejn, filwaqt li stqarret li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, talbet li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma riportati fis-sentenza appellata u ghalhekk issir referenza ghal dak li hemm gie riportat. Jinghad biss li dawn il-proceduri jikkoncernaw il-validita` o meno ta' polza ta' assigurazzjoni affetta minn "*non disclosure of a material fact*".
Kif huwa ben risaput il-kuntratt ta' assigurazzjoni ghandu aspetti partikolari inkwantu jikkoncerna riskju li jigi assunt mill-assiguratur fl-interess ta' terz proponent u liema decizjoni tiddipendi u tittiehed fuq informazzjoni relevanti ghar-riskju moghtija mill-proponent. Kien ghalhekk li, fis-sistema ingliza, fejn dan il-kuntratt zviluppa hafna snin ilu biex jikkawtela l-interessi ta' kummercjanti u bahhara internazzjonali, li dan il-kuntratt gie indikat bhala wiehed ta' "*uberrimae fidei*" u cioe` kuntratt li jirrikjedi l-ezistenza ta' "*the utmost good faith*" biex ikun jista' jkollu effett. Dan ir-rekwizit jissarraf billi l-proponent huwa obbligat li jaghti l-informazzjoni kollha rikjesta dwar fatti materjali li jista' jkollhom rilevanza fuq id-decizjoni ta' assiguratur prudenti "*meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju*." (Camilleri vs Bartolo P.A. 22/3/82).

Fil-kaz in ezami lill-Qorti rrizultalha li l-attur kien naqas li jaghti certa nformazzjoni relevanti meta ffirma l-"*proposal form*" u konsegwentement, filwaqt li akkoljiet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li l-kuntratt bejn il-partijiet ma jezistix, cahdet it-talbiet attrici.

**L-aggravji tal-attur appellant.**

L-attur appellant ressaq tliet aggravji kontra s-sentenza appellata li, fil-qosor, jikkoncernaw:-

a) Il-jedd tas-socjeta` appellata li tirrifjuta li tonora l-polza ta' assigurazzjoni mahruga u dan fiz-zmien li fih irrifjutat l-istess polza, u cioe` fit-3 ta' Jannar, 1994.

b) il-fatt li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx il-kwistjoni tal-*claims per se*, separatament mill-kwistjoni tal-kancellament tal-polza u jekk dawn il-*claims* wahedhom kienux fatt materjali ghar-riskju li kien ser jigi kopert bil-polza.

c) il-fatt li hemm distinzjoni netta fil-kuncett ta' "ingann" u dak ta' negligenza u l-ewwel Qorti ikkonfondiet bejn il-wiehed u l-iehor.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward tal-ewwel aggravju l-appellant qed jissottometti li s-socjeta` konvenuta hassret il-polza ta' assigurazzjoni fuq informazzjoni li nghatat lilha mill-Association of Insurance Companies wara li kien gie sottomess *claim* u mhux wara l-informazzjoni li kienet inghatat mis-socjetajiet assigurattivi li precedentement kellhom relazzjonijiet mal-attur fuq poloz ta' assigurazzjoni.

Tenut kont tal-fatt li s-socjeta` konvenuta kkancellat il-polza ta' assigurazzjoni minhabba *non-disclosure*, din il-Qorti ma tistax tifhem l-argument li l-appellant qed jipprova jressaq b'dan l-aggravju. Certament il-"*fax"* li s-socjeta` konvenuta rceviet minghand l-assocjazzjoni fit-28 ta' Dicembru, 1993 zvela n-nuqqasijiet tal-attur meta huwa kien issottometta t-talba tieghu ghal kopertura permezz tal-"*proposal form*". Infatti hemm jirrizultaw "*claims*" li kienu saru mill-attur fuq poloz ta' assigurazzjoni, liema "*claims"* ma jissemmewx fil-*proposal form* ghalkemm dan id-dokument kien jikkontjeni rikjesti specifici ghad-*disclosure*. Il-fatt li dawn il-*claims* sussegwentement gew ikkonfermati mill-assigurazzjonijiet individwali sahhah

idejn is-socjeta` konvenuta fit-trattament tat-talba li kien ghamel l-attur u ma naqqas xejn mid-decizjoni tas-socjeta` konvenuta mehuda a bazi ta' dik il-*fax* imsemmija. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u qed jigi rigettat.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward tat-tieni aggravju gie rilevat li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx jekk il-*claims* li, ovvjament ma ssemmewx waqt li giet prezentata l-*proposal form,* wahdehom kienux fatt materjali ghar-riskju li kien ser jigi kopert bil-polza. F'dan il-kuntest qed jigi osservat li d-duttrina ta' *uberrimae fidei* ma tirrikjedix illi l-assigurat ghandu jiddikjara kull fatt lis-socjeta` assigurattiva izda biss kull fatt "materjali".

Issa kif gja` rajna aktar 'il fuq "*fatt materjali*" huwa dak li "*jinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju.*" L-obbligu ta' "*disclosure*" jassumi aktar relevanza meta dan l-obbligu ma jithalliex fid-diskrezzjoni jew arbitrju tal-proponent izda meta fl-istess *proposal form* u senjatament fil-Klawsoli (6) u (7) tintalab informazzjoni dwar xi telf li l-proponent seta` sofra fil-hames snin precedenti "*in respect of the events which you wish to insure*". Minn ezami tal-*claims* li l-attur kien ghamel precedentement jidher li certament kien hemm konnessjoni bejn dawn u "*the events*" li huwa xtaq jkopri bil-polza ta' assigurazzjoni. Inoltre l-istess *proposal form* talbet informazzjoni jekk precedentement xi socjeta` assiguratrici kienitx "*declined insurance ….. in respect of the risks to be insured.*" Hawn ukoll rega' naqas l-attur u mhux hekk biss, talli xjentement u anke bil-komplicita` tal-agent li mela l-formula, l-istess attur naqas jizvela din l-informazzjoni.

Qed jigi suggerit ukoll taht dan l-aggravju li l-assigurazzjoni ma tistax tressaq bhala raguni tal-invalidita` tal-polza fatti li hija stess setghet saret taf bihom facilment qabel ma nharget il-polza. Dan l-argument huwa bazat fuq il-fatt li kien tant facli ghaliha biex, wara l-*claim* hi tottjeni l-informazzjoni mehtiega dwar "*claims*" ohra tal-attur. Ghalkemm fattwalment dan huwa minnu, huwa

nkoncepibbli li, ma’ kull applikazzjoni li ssir lis-socjeta` assiguratrici, din toqghod tinvestiga l-proponent u huwa ghalhekk relevanti l-“*good faith*” da parti ta’ dan tal-ahhar biex in-negozju ma jigix imxekkel. Jekk wara, pero` jirrizulta li dak li jkun ikun gideb jew naqas milli jizvela, huwa jbati l-konsegwenzi tan-nuqqasijiet tieghu.

Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Fit-tielet aggravju tieghu, l-attur appellant jilmenta li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta sabitu hati ta’ “*ingann*” meta ma ghamilx id-dikjarazzjonijiet li kienu mistennija minnu u fl-istess nifs sabitu hati ta’ “*negligenza*” meta halla kollox f’idejn l-agent biex jimlilu l-*proposal form.*

Huwa minnu li negilgenza u ingann ma jistghux jissussistu flimkien ghall-istess fatt, billi tal-ewwel teskludi l-volontarjeta` filwaqt li l-ingann jehtieg ir-rieda li tqarraq. Biss minn qari akkurat tas-sentenza appellata din il-Qorti ma tikkondividix il-preokkupazzjoni tal-appellant. Dan l-aggravju huwa necessarjament marbut mal-presenza fl-istorja ta’ certu Mark Randon, li bhala agent tas-socjeta` konvenuta, kien gie nkarigat mill-attur biex jimlilu l-*proposal form* li kellha tigi sottomessa lis-socjeta` konvenuta. Mill-assjem tal-provi jidher li dan Randon kien gie avvicinat mill-attur bl-intervent ta’ Alfio Attard, konoxxent tal-attur, biex, l-istess Randon, jghinu jsolvi l-problema li kellu peress li kien qed jigi rifjutat assigurazzjoni minhabba *claims* precedenti. L-attur jghid li huwa kien qal lil Randon bil-problema li kellu izda dan xorta wahda mela l-*proposal form* u kif irrizulta wara, l-*claims* li l-attur kellu qabel ma gewx indikati u nharget il-polza ta’ assigurazzjoni. L-ewwel Qorti osservat hekk f’dan il-kuntest: “*huwa* [cioe` l-attur] *sostna li minkejja li qal dan kollu lil Mark Randon, dan irrispondieh li ghalih dan ma kienx importanti, kien ghalhekk ovvju jew messu kien ovvju ghalih* [cioe` l-attur] *li kien hemm xi haga mhux tinkwadra, ghaliex haga daqstant importanti ma’ setghetx tigi injorata b’tant legerezza.”* (enfazi ta’ din il-Qorti). L-ewwel Qorti ghalhekk sabet li l-attur kien mhux biss

negligenti meta ma qaghadx attent li fatti rilevanti jitnizlux fil-*proposal form* izda sabet ukoll li, bis-silenzju tieghu fil-komplicita` ma’ Randon, huwa ried jinganna lis-socjeta` konvenuta billi jottjeni l-hrug tal-polza. Wara kollox kien l-istess attur li iffirma l-*proposal form* ghalkemm Randon kien qallu li *claims* ohra “*ghalih ma kienux importanti*” ghalkemm l-attur kien jaf bl-importanza taghhom tant li kien gie rifjutat kopertura minn zewg socjetajiet ta’ assigurazzjoni minhabba dawn l-istess ‘*claims’.* Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, l-appell tal-attur qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kollha kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------